2025/1934

22.9.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1934

tad-19 ta' Settembru 2025

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1), il-punt (b) u 232(3), il-punt (b), tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji terzi jridu jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-pajjiżi terzi jew it-territorji terzi kkonċernati jkunu elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew minn territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod iktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tliet tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI, highly pathogenic avian influenza) fil-pollam fil-provinċja ta' Alberta, li ġew ikkonfermati fid-9 ta' Settembru 2025 u fl-10 ta' Settembru 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Devon, l-Ingilterra, li ġiet ikkonfermata fil-31 ta' Awwissu 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tmien tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' North Dakota (2) u South Dakota (6), li ġew ikkonfermati bejn it-28 ta' Awwissu 2025 u l-11 ta' Settembru 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-inqas10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri li ħadu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara dawn it-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit, u tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat f'dawk il-pajjiżi terzi jenħtieġ li jiġi sospiż biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-dati meta ġew ikkonfermati t-tifqigħat. Għalhekk, l-entrati għal dawk il-pajjiżi terzi fit-tabelli stabbiliti fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B u l-Parti 2, u fit-tabella stabbilita fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(11) Barra minn hekk, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom fir-rigward tat-tifqigħat preċedenti tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fit-tabella fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u fit-tabella tal-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) Fil-11 ta' Settembru 2025, fil-15 ta' Settembru 2025 u fis-16 ta' Settembru 2025, ir-Renju Unit ippreżenta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa b'rabta ma' ħames tifqigħat tal-HPAI fil-pollam, li ġew ikkonfermati bejn it-28 ta' Lulju 2025 u t-8 ta' Awwissu 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Fit-12 ta' Settembru 2025, l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa b'rabta mas-sitt tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Arizona (4), New Mexico (1), u Pennsylvania (1) li ġew ikkonfermati bejn it-8 ta' April 2025 u t-2 ta' Lulju 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(14) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti informaw lill-Kummissjoni li wara dawk it-tifqigħat preċedenti tal-HPAI, implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, kif ukoll lestew it-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati.

(15) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti, u jidhrilha li taw garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li kienet wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa fl-Unjoni miż-żoni affettwati, kif stabbilit fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u fit-tabella fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni affettwati ta' dawk il-pajjiżi terzi, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti f'dawk it-tabelli f'dawk l-Annessi jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(16) Filwaqt li jitqiesu li t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mar-Renju Unit u mal-Istati Uniti, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.268, CA-2.269 u CA-2.270 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.267:

"**CA** il-Kanada	CA-2.268	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.9.2025	
	CA-2.269		N, P1		9.9.2025	
	CA-2.270		N, P1		10.9.2025";	

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.385 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.385	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.7.2025	11.9.2025";

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.387 sa GB-2.390 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.387	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		30.7.2025	16.9.2025
	GB-2.388		N, P1		1.8.2025	12.9.2025
	GB-2.389		N, P1		6.8.2025	16.9.2025
	GB-2.390		N, P1		8.8.2025	16.9.2025";

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.392 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.391:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.392	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		31.8.2025";	

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1022 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1022	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		8.4.2025	7.9.2025";

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1035 u US-2.1036 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1035	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		19.5.2025	30.8.2025
	US-2.1036		N, P1		27.5.2025	13.9.2025";

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1038, US-2.1039 u US-2.1040 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1038	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		30.5.2025	13.9.2025
	US-2.1039		N, P1		5.6.2025	13.9.2025
	US-2.1040		N, P1		2.7.2025	25.8.2025";

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1042 sa US-2.1049 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1041:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1042	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.8.2025	
	US-2.1043		N, P1		2.9.2025	
	US-2.1044		N, P1		4.9.2025	
	US-2.1045		N, P1		9.9.2025	
	US-2.1046		N, P1		10.9.2025	
	US-2.1047		N, P1		11.9.2025	
	US-2.1048		N, P1		4.9.2025	
	US-2.1049		N, P1		10.9.2025";	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni CA-2.268, CA-2.269 u CA-2.270 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.267:

"Il-Kanada	CA-2.268	Alberta – Latitude 53.7, Longitude -112.94 The municipalities involved are: 3km PZ: Fort Saskatchewan, Josephburg, and Scotford 10km SZ: Fort Saskatchewan, Hu Haven, Josephburg, Lamoureux, Strathcona, Sturgeon
	CA-2.269	Alberta – Latitude 53.24, Longitude -112.25 The municipalities involved are: 3km PZ: Holden 10km SZ: Beaver, Holden, Poe, and Ryley
	CA-2.270	Alberta – Latitude 53.32, Longitude -111.66 The municipalities involved are: 3km PZ: Minburn and Vegreville 10km SZ: Beaver, Lavoy, Minburn, Ranfurly, Vegreville, and Viking";

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona GB-2.392 tiżdied wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.391:

"Ir-Renju Unit	GB-2.392	near Exminster, Teignbridge, Devon, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N50.69 and Long: W3.55";

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.1042 sa US-2.1049 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.1041:

"L-Istati Uniti	US-2.1042	State of South Dakota Faulk 05 Faulk County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 99.0443717°W 45.2282303°N)
	US-2.1043	State of South Dakota Beadle 17 Beadle County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 97.9602797°W 44.7087578°N)
	US-2.1044	State of South Dakota McPherson 12 McPherson County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 99.0991193°W 45.6946911°N)
	US-2.1045	State of South Dakota Beadle 18 Beadle County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.2057664°W 44.6534632°N)
	US-2.1046	State of South Dakota Beadle 19 Beadle County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 97.9009159°W 44.4150837°N)
	US-2.1047	State of South Dakota Spink 13 Spink County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.2225844°W 44.7543512°N)
	US-2.1048	State of North Dakota Dickey 06 Dickey County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.4439654°W 46.1626533°N)
	US-2.1049	State of North Dakota LaMoure 05 LaMoure County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.5754950°W 46.4017860°N)";

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.268, CA-2.269 u CA-2.270 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.267:

"**CA** il-Kanada	CA-2.268	POU, RAT	N, P1		9.9.2025	
		GBM	P1		9.9.2025	
	CA-2.269	POU, RAT	N, P1		9.9.2025	
		GBM	P1		9.9.2025	
	CA-2.270	POU, RAT	N, P1		10.9.2025	
		GBM	P1		10.9.2025";	

(b) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.385 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.385	POU, RAT	N, P1		28.7.2025	11.9.2025
		GBM	P1		28.7.2025	11.9.2025";

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.387 sa GB-2.390 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.387	POU, RAT	N, P1		30.7.2025	16.9.2025
		GBM	P1		30.7.2025	16.9.2025
	GB-2.388	POU, RAT	N, P1		1.8.2025	12.9.2025
		GBM	P1		1.8.2025	12.9.2025
	GB-2.389	POU, RAT	N, P1		6.8.2025	16.9.2025
		GBM	P1		6.8.2025	16.9.2025
	GB-2.390	POU, RAT	N, P1		8.8.2025	16.9.2025
		GBM	P1		8.8.2025	16.9.2025";

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.392 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.391:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.392	POU, RAT	N, P1		31.8.2025	
		GBM	P1		31.8.2025";	

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1022 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1022	POU, RAT	N, P1		8.4.2025	7.9.2025
		GBM	P1		8.4.2025	7.9.2025";

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1035 u US-2.1036 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1035	POU, RAT	N, P1		19.5.2025	30.8.2025
		GBM	P1		19.5.2025	30.8.2025
	US-2.1036	POU, RAT	N, P1		27.5.2025	13.9.2025
		GBM	P1		27.5.2025	13.9.2025";

(g) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1038, US-2.1039 u US-2.1040 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1038	POU, RAT	N, P1		30.5.2025	13.9.2025
		GBM	P1		30.5.2025	13.9.2025
	US-2.1039	POU, RAT	N, P1		5.6.2025	13.9.2025
		GBM	P1		5.6.2025	13.9.2025
	US-2.1040	POU, RAT	N, P1		2.7.2025	25.8.2025
		GBM	P1		2.7.2025	25.8.2025";

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1042 sa US-2.1049 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1041:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1042	POU, RAT	N, P1		28.8.2025	
		GBM	P1		28.8.2025	
	US-2.1043	POU, RAT	N, P1		2.9.2025	
		GBM	P1		2.9.2025	
	US-2.1044	POU, RAT	N, P1		4.9.2025	
		GBM	P1		4.9.2025	
	US-2.1045	POU, RAT	N, P1		9.9.2025	
		GBM	P1		9.9.2025	
	US-2.1046	POU, RAT	N, P1		10.9.2025	
		GBM	P1		10.9.2025	
	US-2.1047	POU, RAT	N, P1		11.9.2025	
		GBM	P1		11.9.2025	
	US-2.1048	POU, RAT	N, P1		4.9.2025	
		GBM	P1		4.9.2025	
	US-2.1049	POU, RAT	N, P1		10.9.2025	
		GBM	P1		10.9.2025”.	